**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 33**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 7 ta' Settembru 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**33.1 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 31**

**Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 31, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 31 ġew approvati b'mod unanimu.

**33.2 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 32**

**Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 32, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 32 ġew approvati b'mod unanimu.

**33.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab tibdil fl-ordni tal-Aġenda sabiex ikun possibli l-Kunsill ikollu aktar ħin għad-diskussjoni dwar bosta proġetti. Għaldaqstant talab li jitressqu l-Mozzjonijiet u l-iSkeda tal-Ħlasijiet. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda. Il-Kunsill approva t-tibdil fl-ordni tal-Aġenda.

**33.4 Mozzjonijiet**

**Mozzjoni Nru 87 imressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Billi bħala Kunsill Lokali Ħal Qormi fid-dover li nsebbħu l-Belt Pinto u noffru kwalità ta' ħajja aħjar, fuq talba tar-residenti, qed nipproponi biex fiż-żona ta' Fuq tal-Blat, viċin il-Kappella ddedikata lil Santa Marija, jitwaħħlu fanali bi stil antik (tradizzjonali). Għaldaqstant, nitlob biex jingħata bidu għal dan il-proċess.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur seba' Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

Il-mozzjoni ġiet approvata.

### 33.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 33.5.1 Restawr Salib tad-Dejma

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ġie nfurmat li s-Salib tad-Dejma f'Tal-Ħandaq intagħżel sabiex jiġi rrestawrat mid-Direttorat tar-Restawr, taħt l-iSkema 'Restawr ta' Postijiet Storiċi'.

### 33.5.2 Pjazza fi Triq San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill huwa konxju tas-sitwazzjoni dwar il-problema eżistenti fi Triq San Bastjan u saru diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill fejn qed jipproponu li jsiru indents. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li talab stima kemm tal-indents kif ukoll ta' *resurfacing*, wara li ngħata parir professjonali li ssir bil-*hot asphalt*. Is-Sindku nfurma li preżenta korrispondenza mill-Perit, fejn għamilha ċara li jekk isir resurfacing, hu joħroġ mill-proġett. Is-Sindku qal li dan il-proġett falla sa mill-bidu tiegħu u l-problemi se jibqgħu ma wiċċ il-Kunsill u għaldaqstant għandha tittieħed deċiżjoni b'mod immedjat.

Il-membri saħħqu li l-Perit huwa kuntrattur tal-Kunsill u għandu jeżegwixxi dak li jiġi deċiż mill-Kunsill. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li se jkun qed jagħmilha ċara mal-Perit li jekk se joħroġ minn dan il-proġett, ma jarax lok li jerġa' jiġi ffirmat kuntratt ta' servizz ieħor u x-xogħol jiġi kkummissjunat lil Perit ieħor.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** talbet tintervjeni. Is-Sindku approva. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Perit tal-Kunsill qed jissuġġerixxi li parti minn Triq San Bastjan tiġi zona pedonali, bil-karreġġjata tibqa' mitfuħa għat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv eżebixxiet l-ideat imressqa mill-Perit.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa hux possibbli jsir traffic count sabiex ix-xogħol isir fuq studju u mhux bl-amment. Il-Kunsillier Marvin Zammit issuġġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra l-idea ta' zona pedonali u għandu jinbeda l-proċess ta' applikazzjoni ma' TM. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li fiċ-ċirkustanzi għandu jitqabbad Perit barrani sabiex jaħdem il-costings fuq ir-rati tal-LK u l-kuntrattur japplika għall-permessi meħtieġa.

### 33.5.3 Proġett Pjazza Federico Maempel

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħala proġett se jsir skont il-pjanti maħduma mill-Ministeru u ġie kkonfermat li l-*underground* parking mhux se jsir, minħabba l-problema li hemm bl-għeruq tas-siġar u minflok se jsiru żewġ imħażen. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara qalet li hi ma taqbilx li ma jsirx il-parkeġġ, ġaladarba se tinqala l-pjazza, għaliex hekk mhux se tissolva l-problema tal-parking. Il-kunsillier Daniel Ablett infurma wkoll li l-parking *fishbone* ma jistax isir minħabba l-fatt li t-triq mhiex wiesgħa biżżejjed u huwa għalhekk li se jkun qed isir traffic Management mad-dawra tal-pjazza sabiex it-

traffiku jgħaddi mingħajr ostakli u ma jintilfx il-parkeġġ man-naħa tal-ġnien.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa x'se jkun qed jiġri dwar l-MoU iffirmat mal-Fondazzjoni. **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li l-idea tal-Fondazzjoni kienet li jsir ġnien fuq l-ideat tat-tfal qriema, liema ġnien ikun fil-qalba tal-lokalita u qrib ta' skola, sabiex jitgawda mit-tfal.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li l-akbar problema hi li l-Ministeru jrid *full ownership* tal-proġett, ġaladarba se jkun iffinanzjat minnu. **Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa minn fejn kienu se jiġu l-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waqt il-laqgħat mal-Fondazzjoni kien ġie spjegat li dawn il-proġetti jridu jsiru mill-fondi tal-*Urban Development Funds*. **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li l-Kunsill la għandu € 1.8M fondi u lanqas li kieku għandu, mhux għaqli jintefqu dawn il-fondi kollha fuq proġett wieħed, meta jistgħu jsiru aktar proġetti madwar il-lokalita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento spjega li hu mhux lest itellef lill-poplu Qormi, dawn il-fondi, għaldaqstant il-Kunsill għandu jaċċetta li l-Ministeru jieħu l-*full ownership* tal-proġett. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa, min se jkun responsabbli mill-manutenzjoni tal-pjazza, ġaladarba l-proġett jitlesta. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li probabbilment il-manutenzjoni taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali, kif mitlub mil-liġi.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa hux tanġibbli bħala proġett.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa li filwaqt li jaqbel mal-proġett, il-Kunsill għandu dritt ikollu *budget* għall-manutenzjoni.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** saħqet li l-Ministeru kellu jippreżenta pjanta oħra, iżda jidher li din il-pjanta ma waslitx.

Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku talab li jittieħed vot, li l-Ministeru jieħu dan il-proġett f'idejh u jsir skont il-pjanti ppreżentati minnu.

**Ivvutaw Favur seba' Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontrau kien hemm Astensjoni waħda (1)**.

### 33.5.4 Ġnien Renald Falzon

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento, nfurma li l-Ministeru għall-Ambjent irid li jinqala l-pavimentar eżistenti u ssir il-ħamrija sabiex jitħawwlu aktar siġar. Barra minhekk il-Ministru jrid li jsir *turf* sabiex il-familji jkollhom spazju fejn jikkrejaw rwieħhom.

Il-Kunsill iħoss li l-infrastruttura m'għandix titkisser issa li x-xogħlijiet lesti u jekk il-Ministeru ried jagħmel xi tibdil, dan kellu jsir qabel ġie ffirmat il-kuntratt u mhux issa li tlesta x-xogħol. Inġibdet l-attenzjoni dwar it-tneħħija ta' *parking spaces* madwar il-ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saru diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill sabiex il-pjazza paralleli mal-ġnien jiġi kkrejat parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat żewġ (2) pjanti mħejjija u l-Kunsill approva, Pjanta mmarkata Nru 2.

.

1. **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 5 ta' Ottubru 2021.**

Konfermati, illum 5 ta' Ottubru 2021

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |